**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 159/2016 CFF**

**UNITED ACCEPTANCES FINANCE LIMITED**

**VS**

**RUBEN GALEA**

**Illum 3 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Ruben Galea li espona:

Illi r-rikorrenti ezekutat gie nnotifikat b'ittra ufficjali fl-ismijiet premessi li permezz taghha s-socjeta' United Acceptances Finance Ltd tablet li tirrendi ezegwibli hames kambjali allegatament mahruga fil-konfront tal-esponenti, liema kambjali qatt ma gew annessi mall-ittra ufficjali li rcieva l-esponenti;

Illi r-rikorrenti ezekutat qieghed jaghmel dan ir-rikors ai termini ta' Artikolu 253 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jopponi u jitlob is-sospensjoni, stante li hemm ragunijiet gravi u serji ghalfejn tali esekuzzjoni m'ghandhiex tithalla;

Illi primarjament ghandhom jigu prezentati kopja awtentikati tal-kambjali in kwistjoni u minn issa l-esponenti jirriserva li jressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u eccezzjonijiet

ulterjuri jekk ikun il-kaz – illi dan qieghed jinghad billi ma l-ittra ufficjali notifikat lill-esponenti ma kien hemm anness l-ebda kambjali;

Illi skond ir-rikorrenti ezekutat l-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' ezekutanti hija nulla u dan stante li ma hemmx indikat fiha d-dritt mghoti lir-rikorrenti ezekutat bid-drittijiet kollha mghotija lilu u cioe' li huwa jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni *minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex toppini dik l-ezekuzzjoni*;

Illi Artikolu 253(e) ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola car illi taht piena ta' nullita ghandu jkun hemm indikat fuq l-ittra ufficjali dan id-dritt, ghalhekk fin-nuqqas dik l-ittra ufficjali ghandha, skond l-esponenti, titqies bhala nulla;

Illi l-procedura adotta mis-socjeta' ezekutanti hija wahda straordinarja, peress illi bil-mezz tal-ittra ufficjali tista' tghaddi sabiex totjeni titolu ezekuttiv u ghalhekk m'ghandhiex tigi mhollija li tiddevja bl-icken mod mill-procedura u minn dak rikjest mill-istess Artikolu taht liema qieghda tipprezenta l-ittra ufficjali taghha u cioe' Artikolu 253(e);

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kellu kreditu fil-konfront tas-socjeta' ezekutanti u ghalhekk ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 1196 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan dejjem qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li tista' titressaq il'quddiem;

Illi l-kambjali in kwistjoni kienu ffirmati bhala parti mill-bejgh ta' vettura liema vettura zviluppat hsarat kbar u ghalhekk ir-rikorrenti ezekutat kien qieghed jippretendi nuqqas fil-prezz tal-vettura u dan minhabba dan difett mohbi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tissottometti bir-rispett li l-ammont mitlub huwa eccessiv u dan stante illi kien diga' saru xi hlasijiet mill-esponenti fuq il-kambjali mahruga kontra tieghu;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali ndikati fl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, bin-numru 2955/2014.

Rat **ir-risposta** ta' United Acceptances Finances Limited fejn esponiet:

1. Illi s-socjeta' esponenti ipprezentat l-ittra ufficjali numru 2955/2014, sabiex tezegwixxi l-hlas tal-kambjali bin-numru 51/84 sa 55/84, ghall-ammont ta' tmien t'elef, tmien mija u hmistax-il Ewro (€8,815), liema somma hija dik oltre ghall-hlasijiet tal-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-effettiv pagament, u liema ittra saret ai termini tal-artikoli 253 u 256 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghal kull bon fini s-socjeta' esponenti tiddikjara illi l-ittra pprezentata minnha kienet tinkludi kopji awtentikati tal-kambjali relattivi.

2. Illi l-imsemmija ittra ufficjali numru 2955/2014 giet intavolata entro l-hames snin mid-dati ta' skadenza tal-istess kambjali u ghalhekk l-azzjoni mhix preskritta;

3. Illi lanqas ma huwa korrett ir-rikorrenti rigward in-nullita' tal-ittra, stante illi s-socjeta' esponenti avzat lir-rikorrenti skont il-ligi bid-dritt li ghandu u cioe' illi jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjala, u dan permezz tal-paragrafu fl-imsemmija ittra ufficjali li jghid '*int avzat li ghandek id-dritt li topponi ghall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum minn notifika lilek ta' dan l-att gudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta'*;

4. Illi bir-rispett kollu, ir-rikorrenti ma jistax jopponi l-ezekuzzjoni ta' kambjali ghal ragunijiet li ma humiex relatati mal-procedura tal-ezekuzzjoni jew mal-forma tal-kambjali nnifishom. Ghaldaqstant kwalunkwe allegazzjoni li jista' ghandu r-rikorrent dwar il-bejgh tal-vettura li ghalihom hargu l-kambjali ma jistax jintuzaw sabiex iwaqqfu tale ezekuzzjoni stante illi l-azzjoni kambjarja hija legalment separata u distinta minn azzjonijiet ohra li jista' jittiehdu. Dan huwa kkonfermat minn diversi sentenzi tal-Qorti, fosthom minn azzjonijiet ohra li jista' jittiehdu. Dan huwa kkonfermat minn diversi sentenzi tal-Qorti, fosthom mill-

Qorti tal-Magistrati, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Simon Bugeja u Rita Bugeja (350/2013), liema sentenza taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 29 ta' Mejju, 2003, fl-ismijiet *Pool Charles vs Mercieca Carmelo*, fejn il-Qorti qalet li:

*'Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obbligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obbligazzjonijiet precedenti.*

*F'azzjoni kambjara huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjali in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi.*

*Hemm eccezzjonijiet permessibbli ghal dana kollu meta l-eccezzjoni tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta' azzjoni ohra u permezz ta' azzjoni ad hoc.*

5. Illi l-anqas huwa minnu illi r-rikorrenti ghamel xi hlasijiet relattivi ghall-kambjalijiet in kwistjoni;

6. Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob lill-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti Ruben Galea tas-sospensjoni tal-kambjali ghar-ragunijiet imsemmija hawn bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Fl-affidavit tieghu datat 22 ta' Novembru, 2016, Ruben Galea jghid li fis-sena 2009 kien xtara l-vettura bil-kambjali. Wara hames mitt kilometru, il-magna kellha xi hsarat u kellha tiddahhal ghand Muscat Motors ghal riparazzjonijiet liema riparazzjonijiet thallsu minn BMW. Wara hafna negozzjati Ruben Galea accetta li tinbidel il-magna tal-vettura u jinghata skont fuq il-bilanc li kien fadallu bhala kambjali. Stante li fil-vettura zvilluppat hoss li wara li ttiehdet ghand mechanic indipendenti rrizulta li kien hemm hsara fil-

pompa tal-power steering, Ruben Galea ghamel kuntatt ma Muscat Motors sabiex ibidlu din il-pompa izda dawn ta' l-ahhar irrifjutaw stante li ma kien hemmx raguni tajba ghalfejn ghandha tinbidel il-pompa. Ruben Galea ddikjara li huwa lest li jhallas il-kambjali, biss pero' dan jithallas wara li jinghata l-iskont li kien imwieghed.

Pat Hili li hija credit controller ta' United Acceptances xehdet fit-28 ta' Marzu, 2017 fejn qalet li b'kollox kien hemm erbgha u tmenin (84) kambjala li minnhom saru hames pagamenti imma tnejn minnhom gew lura mill-Bank "cheque returned". Hija zzid tghid li b'kollox, United Acceptances Finance Limited thallset is-somma ta' erbat elef mitejn u tmenin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€4,280.67).

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza ir-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali indikati fl-ittra ufficcjali mibghuta mis-socjeta' intimata datata 11 ta' Settembru 2014 numerata 2955/2014, u dan peress li hemm ragunijiet gravi u serji ghalfejn tali ezekuzzjoni m'ghandiex tithalla, primarjament ghaliex l-ittra ufficcjali mibghuta mis-socjeta' intimata hija nulla u dan stante li ma hemmx indikat fiha d-dritt moghti lir-rikorrenti bid-drittijiet kollha moghtija lilu u cioe' li huwa jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni *minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni.*

Illi r-rikorrenti qed jitlob ukoll is-sospensjoni tal-kambjali msemmija peress li l-vettura kellha difett mohbi u zviluppawlha hsarat u kif ukoll ghaliex l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u dan stante li diga' kienu saru xi hlasijiet mir-rikorrenti fuq il-kambjali mahruga.

Rigward it-talba sabiex il-Qorti tiddikjara l-ittra 2955/2014 nulla, il-Qorti se tikwota s-segwenti[1];

[1] ***Silvio Brincat vs Silvio Spiteri***, Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dr. J Apap Bologna), datata 11 t'April 2012

*"Illi l-artikolu li jirregola dan il-kaz jispecifika ossija l-artikolu 253(e) jghid illi l-Qorti kompetenti tista' tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjalijiet jew' in toto' jew 'in parte' permezz ta' rikors presentat fi zmien ghoxrin (20) jum minn-notifika tal-ittra ufficjali. Inoltre l-istess artikolu jghid li l-istess ittra ufficjali, taht piena ta' nullita', tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu taht dak premess dwar opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-istess kambjalijiet. Fl-ittra ufficjali in esami hu minnu li, fiha u kif digja inghad, hemm imnizzel, erroneament, li tali opposizzjoni tista' issir b'nota u mhix permezz ta' rikors. Kieku fil-fatt, kienet giet intavolata nota din kienet tirrisulta fin-nullita' tal-ittra ufficjali. Izda f'dan il-kaz giet segwita l-procedura korretta u ghalhekk, fuq dan il-punt l-ittra ufficjali hi valida. Inoltre l-avviz rikjest mill-ligi, filfatt, jinsab in-naha ta' fuq tal-istess ittra ufficjali. Hu minnu li fl-istess avviz ma hemmx imnizzel li l-opposizzjoni, ghall-esekuzzjoni trid issir b'rikors. Izda, fil-fatt u cjoe nonostante, il-procedura korretta giet segwita u ghalhekk fuq dan il-punt, ma jistax jinghad li dan il-kaz hu wiehed ta' nullita tal-ittra ufficjali kif maghmula*."

Illi f'dan il-kaz fl-ittra in kwistjoni hemm miktub hekk *"Int avzat li ghandek id-dritt li topponi ghall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika lilek ta' dan l-att gudizzjarju u dan ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta."* Il-Qorti temmen li f'din l-ittra dan id-dritt moghti lir-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta seta' gie spjegat ahjar u cioe' kif inhu miktub fl-istess Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fatt fl-istess ittra kulma kien hemm referenza ghall-Artikolu 253 u mhux iktar specifikatament 253(e). Il-qorti tara li minn dan il-lat kien hemm nuqqas.

Izda fil-kawza ikkwotata hawn fuq jidher li r-rikorrenti mexa bil-procedura apposta u gusta u cioe' b'rikors biex jitlob is-sospensjoni ta' l-imsemmija kambjali, u allacjat mal-fatt li tajjeb jew hazin l-ittra kienet tikkontjeni paragrafu fejn jispjega d-dritt lir-rikorrenti li jista' jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali msemmija, it-talba sabiex din il-Qorti tiddikjara l-ittra ufficcjali 2955/2014 nulla ma ghandhiex fundament u ghalhekk ser tigi michuda.

Illi rigward il-fatt li l-vettura kellha difett mohbi, ir-rikorrenti xehed dwar dan izda ma gab l-ebda prova fuq dan l-allegat, u f'kull kaz, Il-Qorti qed taghmel referenza ghas-

sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet "Pool Charles vs Mercieca Carmelo" fejn gie ritenut li:

*"Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti.*

*Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi.*

*Hemm eccezzjonijiet permessibbli ghal dana kollu meta l-eccezzjoni tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta' azzjoni ohra u permezz ta' azzjoni ad hoc.*

*Huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistghax tigi definita malajr ma hijiex ammissibbli meta biha jkun ritardat il-pagament. Pero' hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relattivi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi. Dawna l-eccezzjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita' li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relativi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali."*

Ghalhekk rigward id-difett latent, il-Qorti ma tistax toqghod tidhol fuq din il-kwistjoni u r-rikorrenti ghandu jintavola kawza separata.

Illi rigward li l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u dan peress li r-rikorrenti qed jghid li kien diga' ghamel xi hlasijiet lis-socjeta' intimata fuq il-kambjali mahruga kontra

tieghu. Dan jirrizulta mix-xhieda moghtija minn Pat Hili, fis-seduta datata 28 ta' Marzu 2017 meta qalet is-segwenti:

*"Qorti: Huma inkluzi il-court fees mill-51 sal-55*
*Xhud: Iva*
*Qorti: Huma inkluzi. Issa dawk il-Court Fees li huma, spjega x'inhuma?*
*Xhud: Jiena Court fees biss ghandi. Hawnhekk ma nkunx naf x'hallsu l-Qorti. M'ghandix l-invoices tal-Avukati."*

Il-Qorti ma tistax tiddetermina bl-ezattezza kemm allura huma l-ispejjez tal-Qorti inkluzi fil-kambjali li taghhom qed tintalab is-sospensjoni, u fuq dan ir-rigward il-Qorti m'ghandhiex provi bizzejjed biex tordna s-sospensjoni in parte ta' dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qeghda tichad it-talba kif dedotta mill-istess rikors.

In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura u fic-cirkostanzi hawn fuq esposti, il-Qorti tordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**